MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Numru. 1041/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Kevin Azzopardi**

Kumpilazzjoni Numru 1041/2008

**Illum 10 ta'Jannar 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kevin Azzopardi, iben Paul u Rose xebba Vella, u joqghod fil-fond numru 38, Triq Duke of Edinburgh, Hamrun, u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 170777(M)

Akkuzat talli f'Novembru, 2006 u fix-xhur ta' qabel, gewwa l-Hamrun u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonij tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. a) Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b) ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew

c) biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;

U cioe' diversi DVDs b'films.

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, ghal qliegh, jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliklu jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampar, tpingija, ritratti, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena iew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le.

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cikustanzi, innegozja f'xi oggett stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ukoll jekk dak in-negozju sar bil-mohbi, jew qassam xi oggett bhal dak jew wera' xi oggett bhal dak fil-pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku.

4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, ghal qliegh, hew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iheor offra ghal

bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-dirittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahta.

5. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, bhala cittadini jew residenti permanenti ta’ Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermeta li jingibed xi ritratti, film video recording jew xbieha electtronica indecenti ta’ persuna ta’ taht l-eta, jew qassam jew wera ritratti, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, film, video recordings jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbilit mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti, giet wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 18, 208(1)(2), 208A, 298(1)(a)(c)(f) u 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali bies dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellu oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-fedina penali ta'l-imputat li ghalkemm mhux netta lanqas hi wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 208(1)(2), 208A, 298(1)(a)(c)(f) u 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah disgha (9) xhur prigunerija, li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tmintax il-xahar, u multa ta' hames mitt Euro (€500) li ghandha tithallas fi zmien sentejn. In konkluzzjoni l-Qorti qed tordna d-distruzzjoni a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti l-oggetti (inkluz id-DVD's) esebieti bhala Dokument AC1 u Dokument MB1.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkometti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------